MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2013

Numru. 452/2013

**SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT**
**KONTRA**
**OGLIVE GRIMA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Oglive Grima ta’ 22 sena, bin Anthony u Anna nee’ Borg, mwieled Pieta’ fis- 26 ta’ Marzu 1991, residenti l- Qasam tal- Bini tal- Gvern Rnella Blokk 8, Kalkara u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 207891M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli;

1) Fis- 7 ta’ Mejju 2013 f’ xi hinijiet wara nofsinhar minn razzett fi Triq il- Karmnu Fgura u/jew f’ dawn il-

Gzejjer ikkommetta serq ta' erbat ivrieden (ghasafr) u/jew oggetti ohra liema serq huwa kkwalifikat bil- lok, bix- xorta tal- haga misruqa, u bil- valur li ma jeccedix €2,329.37 li sar ghad- detriment ta' Matthew Sant mill- Fgura u/ jew ta' persuni ohra;

2) Ukoll talli fl- istess cirkostanzi u/jew zminijiet wara f' dawn il- Gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reat sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom u cioe' laqa' ghandu vrieden (ghasafar) u/jew oggettir ohra liema minn oggetti misruqa minn razzett fi Triq il- Karmnu Fgura;

3) Ukoll talli kiser il- provediment tal- Art 7 tal- Kap 446 moghtija lilu mill- Qorti tal- Magistrati Malta (Mag. Dr Antonio Micallef Trigona LL.d) fit- 22 ta' Awwissu 2012;

4) Ukoll talli naqas milli jhares xi wahda u/jew iktar minn wahda, mill- kundizzjonijiet imposti fuqu mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, Mag Dr Neville Camilleri LL.d b' digriet datat 22 ta' April 2013, li permezz tieghu l- istess Oglive Grima nghata l- helsien mill- arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill- arrest;

5) Il- Qorti hija mitluba li f' kawza ta' htija titratta lill- imputat li sar recidiv ai terminu tal- Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta liema sentenzi kienu moghtija lil u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u l-kawza setghet titmexxa sommarjament;

Rat illi t-tieni imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel, u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha;

Rat illi t-tielet imputazzjoni gia' qed tigi trattata minn din il-Qorti diversament presjeduta f'proceduri separati, u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu provvediment ulterjuri fuqha;

Rat illi ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Wara li rat l- Artikoli 261(c),e, (g), 267, 271, 279A, 49, 50, 289 u 579 tal- Kapitolu 9 u Art 7 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija.
Tordna konfiska favur il- Gvern tal-ammont ta' hamest elef ewro (€5000) moghtija bhala garanzija personali fid-digriet ta' helsien mill-arrest prevetiv moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-22 ta' April 2013.
Tirrevoka l-istess digriet tal- helsien mill- arrest datat 22 ta' April 2013. Tastjeni minn li tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u t-tielet (3) akkuza.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------